MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 106/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Patrick Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 43465(M)] quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, għax-xhur ta' Ġunju 2010, Lulju 2010, Awissu 2010 u Settembru 2010, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt, naqas li jagħti lil Silvana Spiteri u/jew lil ibnu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15-il-jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Frar, 2011, li biha wara li rat l-artikoli 338(z), u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati u għaldaqstant ikkundannatu xahar detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu ppreżentat fit-28 ta' Frar, 2011, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull ħtija u piena u okkorendo jkun il-każ, subordinatament tirriforma s-sentenza appellata u tipprovdi għall-piena aktar mita u idonea.

Fliet l-atti kollha proċesswali inkluż id-digriet li bih din il-Qorti ċaħdet it-talba tal-appellant għas-soprasessjoni minħabba proċeduri Kostituzzjonali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi, li mill-bidu nett kienu jindikaw li l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-appellant ma setgħu qatt jirriżultaw.

Illi l-ammont li l-appellant ġie ordnat ihallas lill-kwerelanta bejn Frar u Mejju 2010 jammonta ghas-somma ta' erbat elef u mitejn (€4200) Ewro. Din is-somma tirrappreżenta l-manteniment ta' elf u hamsin Ewro (€1050) fix-xahar tikkonsisti fis-somma ta' elfejn u tmien mija (2800) Ewro għall-manteniment ta' martu u elf u erba' mija (1400) Ewro għall-manteniment ta' ibnu.

Illi l-Ewwel Qorti naqset milli tagħti lill-appellant il-possibilita` li jtella` lil ibnu minuri jixhed f'dawn il-proċeduri u dan sabiex ikun jista` jikkonferma illi l-appellant regolarment fil-fatt iħallas u jirrifondi lilu, ammonti mħallsa f'kontanti u spejjeż oħra li l-appellant ħallas waqt ix-xhur bejn Frar u Mejju 2010.

Illi inoltre l-Ewwel Qorti naqset milli tieħu in konsiderazzjoni li l-appellant kien fil-fatt jissomministra l-manteniment kif ordnat sa Mejju 2009, pero` minn Ġunju 2009 kien impossibbli għalih li jlaħħaq mal-pagament tal-manteniment ordnat u dana stante li c-ċirkostanzi tiegħu inbidlu ferm minn dakinhar li nħareg id-digriet fuq ċitat u datat 11 ta' Jannar, 2008. Biżżejjed illi wieħed isemmi illi l-appellant tilef ix-xogħol li kellu l-Italja f'April 2009, u kellu jinfoq ammont ta' flus għal abitazzjoni temporanja alternattiva wara li gie żgumbrat mid-dar matrimonjali magħrufa bħala San Anton fit-Telgħa tal-Wardija, l-Wardija, f'Awissu 2009.

Illi l-appellant jixtieq jirrileva wkoll li quddiem Qorti oħra qiegħed jikkontesta l-manteniment pagabbli lil martu u dana peress li llum hija mara ta' 49 sena li m'għandha ebda impediment biex din tagħmel ħilitha biex issib xogħol li bih tkun tista' tmantni lilha nnifisha. Il-kwerelanta hija komda bis-sitwazzjoni kif inhi mingħajr ma tagħmel imqar l-iċken sforz biex issib impieg u dan minkejja li hija persuna kwalifikata fil-"merchandising", illi huwa branka tal-"marketing". L-esperjenza żgur mhux nieqsa minnha stante li hi waqfet taħdem biss meta l-partijiet kellhom lill-minuri u fost il-postijiet tax-xogħol li kellha hawn Malta kien hemm l-impieg mad-Dhalia Real Estate fejn kienet inkarigata mid-Dipartiment tal-Letting ta' Malta kollha. L-uniku skuża li l-kwerelanta użat fil-passat biex tagħti raġuni għaliex ma taħdimx kienet li kellha tieħu ħsieb it-tifel minuri.

Illi fil-fatt il-minuri li llum għandu 13-il sena jattendi l-iskola mis-sebgħa neqsin kwart ta' filgħodu kuljum u jasal lura d-dar mill-iskola fit-tlieta u kwart ta' wara nofsinhar u għalhekk il-kwerelanta għandha ħin liberu soddisfaċenti sabiex hi tutilizzah b'mod li jirrendilha introjtu adegwat.

Illi għalhekk huwa ferm inġust li l-kwerelanta tkompli tgħix minn fuq dahar l-appellant meta din fost affarijiet oħra u kif jirriżulta fil-kawża għall-annullament (55/09 NC), daħlet f'dan iż-żwieġ meta kienet għadha miżżewġa ma' terza persuna liema żwieġ kien ġie ċelebrat ġewwa l-Istati Uniti.

Illi inoltre, l-kwerelanta ġiet imressqa mill-Pulizija akkużata li f'xi żmien bejn id-19 ta' Lulju 2009 u l-1 ta' Awissu 2009, mid-dar matrimonjali hawn fuq imsemmija u magħrufa bħala San Anton fit-Telgħa tal-Wardija, l-Wardija, hija ħadet u biegħet xi pitturi li kienu fl-imsemmi fond u li jagħmlu parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti. Il-Qorti tal-Magistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fit-30 ta' Gunju 2010, sabet lil mart l-appellant ħatja tal-akkuza kif dedotta. Din is-sentenza ġiet appellata u għadha mhux deċiża b'mod definittiv.

Illi siccome l-appellant għandu interess li jħares u jikkawtela d-drittijiet tiegħu tal-komunjoni u kif ukoll dawk parafernali, huwa talab lil Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), liema talba giet milqugħa, li tordna l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni (270/09) kontra l-mara tieghu u Mandat ta' Deskrizzjoni (269/09) tal-oġġetti kollha fid-dar matrimonjali.

Illi l-Ispettur Edmond Cuschieri li kien l-ufficjal prosekutur fil-kawza kriminali kontra l-parte civile, jista` jikkonferma illi l-Pulizija regghet fil-fatt resqet lill-kwerelant akkużata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Magistrat Audrey Demicoli) li fi tliet okkażjonijiet oħrajn wara l-ħruġ ta' l-imsemmijin mandati, l-istess kwerelanta ħadet xi oġġetti li huma tal-komunjoni jew parafernali ta' l-appellant. Dawn it-tliet okkazzjonijiet kienu fl-10 ta' Ottubru 2009 (9/T/2181/2009), fl-10 ta' Gunju 2010 (9/T/1412/2010) u fit-2 ta' Dicembru, 2010 (9/T/2951/2010. Inoltre l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) akkordat it-talba ta' l-appellant fid-19 ta' Jannar, 2011, u awtorizzatu jaċċedi għad-dar matrimonjali sabiex ikun jista' jikkonstata x'mobbli ttieħdu u għal dan il-għan l-appellant għandu jkun akkompanjat minn ufficjal tal-Pulizija u tal-Qorti, liema aċċess għandu ( kellu) jsir fis-7 ta' Marzu, 2011.

Illi joħroġ biċ-ċar, illi l-parte civile tant ħadet u biegħet affarijiet mill-komunjoni, fosthom diversi pitturi u għamara ta' valur konsiderevoli, u dan sabiex fi kliemha stess, tieħu dak li skont hi huwa dovut lilha f'manteniment, illi fil-fatt kull ammont se mai dovut mill-appellant, fil-fatt tħallas kollu u probabbli hemm diversi xhur imħallsin bil-quddiem.

Illi fil-fehma ta’ l-appellant kien fid-dmir ta’ l-Ewwel Qorti li minkejja li l-proċedura kienet waħda sommarja, tagħtih kull ċans li jkollu smigħ xieraq li permezz tiegħu ikun jista` jiddefendi ruħu mill-akkużi li qed jinġiebu fil-konfront tiegħu.

Illi eżami approfondit tal-aggravju tal-appellant ma jħallix dubju li l-appellant m’għandux jinstab ħati ta’ l-akkużi kif dedotti kontra tiegħu.

Għalhekk huwa talab ir-revoka tas-sentenza jew varjazzjoni fil-piena.

Rat id-digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tal-11 ta’ Jannar 2008 fl-ismijiet Sylvana Spiteri vs Patrick Spiteri (261/07JA) li bih l-appellant Dr Patrick Spiteri kien ordnat iħallas manteniment ta’ Eur 700 fix-xahar lil Sylvana Spiteri u Euro350 fix-xahar għall-minuri b’effett mill-1 ta’ Frar 2008.

Rat ukoll id-dokumenti ppreżentati mid-difiża dwar differiment ta’ seduta tal-4 t’Otturbu 2011 fil-kawża fl-ismijiet ‘Spiteri Patrick vs Avukat Ġenerali’ (Qorti Ċivili Prim’Awla (Sede Kostituzzjonali); is-sentenza tal-annullament taż-żwieġ iċċelebrat fit-3 ta’ Diċembru 1997 (Qorti Ċivili Sezzjoni Familja) 55/09NC fl-ismijiet ‘Dr Patrick Spiteri versus Sylvana Spiteri’ deċiża fit-30 ta’ Marzu 2011; u r-rikors numru 38JZM fl-ismijiet ‘Patrick Spiteri versus Avukat Ġenerali et’ (Prim’Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) intavolat fil-21 ta’ Ġunju 2011.

Rat ukoll id-dokument dwar iċ-ċitazzjoni Numru 261/07 JA, id-draft ta’ ftehim mhux iffirmat datat 2 ta’ Diċembru 2010

Rat id-digriet ta’ din l-istess Qorti tat-18 t’Ottubru 2011 li bih ċaħdet it-talba għas-soprasessjoni magħmula mid-difiża kompliet tisma’ l-każ. (Ara wkoll iżjed ‘il fuq)

Semgħet ix-xhieda ta’ Sylvana Spiteri u Dr Patrick Spiteri fis-seduta tal-24 t’Ottubru, 2011.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkonsidrat

Mix-xhieda ta’ Sylvana Spiteri jirriżulta li ilha ma tieħu manteniment minn Ġunju 2009. Hija kienet rebħet appell f’Diċembru 2010 iżda l-appellant xorta ma kienx ħallas. Il-manteniment suppost li hu ta Euro 1050. It-tifel ilu ma jieħu manteniment sentejn u nofs. Hija kienet ġiet żgumbrata mid-dar u ħadet kollox minn hemm. F’dak li hu flus la hi u lanqas binha ma kienu ħadu xejn iżda qabel il-każ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati l-appellant kien taha 650 Euros għal Ottubru 2010, Diċembru 2010, u Jannar 2011 biex titma lit-tifel. Ta’ Novembru 2010 ma kienet ħadet xejn. Fil-kontro-eżami hi xehdet li kienet qed tgħix fuq il-benefiċċju soċjali.

L-appellant Dr Patrick Spiteri spjega l-kronoloġija ta’ pagamenti li kien għamel lil Sylvana Spiteri. Huwa qal li dawn l-appelli kienu għal tmien xhur (għall-appell 105/11 Frar, Marzu, April u Mejju – kollha tas-sena 2010 waqt li għall-appell 106/11 ix-xhur huma Ġunju, Lulju, Awwissu u Settembru 2010). F’dawn it-tmien xhur it-tifel kien qed iqatta’ aktar ħin miegħu u lit-tifel kien qed jagħtih il-flus. Illum il-ġurnata jqatta’ biss jumejn magħha. L-appellant qal ukoll li huwa kien ukoll jieħu ħsieb tal-kontijiet tat-tifel. Huwa kien għamel rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) iżda l-Imħallef sedenti kien ċaħad it-talba. Iżda barra minn dan matul dawn ix-xhur kienu nħarġu diversi inkwatri tal-pittura u antikatijiet mid-dar minn Sylvana Spiteri u din begħithom. Allura Sylvana Spiteri kienet ħadet il-manteniment in kind.

Mistoqsi mill-Qorti jekk huwa qattx ta f’idejn Sylvana Spiteri l-flus dovuti bħala manteniment, l-appellant wieġeb ‘Le.’. Kieku għamel hekk, il-manteniment tat-tifel ma kinitx tużah fuq it-tifel.

Ikkonsidrat

Kemm il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kriminali kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) huma marbuta bid-digriet li jkun ta l-Imħallef li jkun qed jippresiedi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja). Għalhekk il-mansjoni ta' dawn iż-żewġ Qrati hija li jeżaminaw jekk id-digriet, f'dan il-każ mogħti fil-11 ta' Jannar 2008, kienx ġie osservat jew le.

Mir-rikors promotorju jirriżulta aggravju li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kriminali ma kinitx ħalliet lil iben l-appellant jixhed. Bir-rispett kollu din il-Qorti ma tindaħalx f'deċiżjonijiet ta' kif titmexxa kawża jew dwar liema xhieda għandhom jinstemgħu. Kif dejjem ġie ritenut, huwa l-ġudikant li jkun qed jisma' l-kawża li jrid jiddeċiedi xi ħtieġa jkun hemm li xhud jinstema' speċjalment jekk il-ġudikant ma jkun qed jara ebda raġuni għal aktar xhieda għax dawn ma ser jikkontribwixxu xejn ġdid. Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad dan l-aggravju.

Aggravju ieħor dwar li l-Qorti naqset li tikkonsidra bdil fiċ-ċirkostanzi tad-dħul tiegħu. Bir-rispett kollu, mhix il-funzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li tvarja xi digriet li tkun tat il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) jew li tinjorah. Jekk inbidlu ċ-ċirkostanzi tal-appellant, dan irid ikun indikat lill-Qorti tal-Maġistrati permezz ta' digriet ġdid.

Aggravju ieħor huwa li Sylavana Spiteri għandha l-kwalifiki biex taħdem u tmantni lilha nnifisha. Għal darb'oħra din il-Qorti tirripeti li mhux il-funzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati jew ta' din il-Qorti li tagħmel evalwazzjoni ta' din ix-xorta. Apprezzament bħal dan jaqa' għal kollox barra mill-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati u tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri).

Aggravju ieħor (jekk wieħed jista' jqisu bħala aggravju) huwa li hemm diversi proċeduri kontra Sylvana Spiteri u li hemm ukoll Mandat ta' Inibizzjoni kontra tagħha.
Din il-Qorti qed tiċħad dan l-aggravju wkoll ġaladarba d-digriet bażi ma kienx mibdul mill-Qorti kompetenti. Dil-Qorti m'għandhiex kompetenza li tidħol f'tali kwistjonijiet.

Lanqas ma jreġi l-argument li Sylvana Spiteri ħadet il-manteniment 'in kind' għaliex din il-Qorti m'għandha ebda kompetenza biex teżamina jekk ċivilment kienx hemm tpaċija jew le.

Lanqas ma tbiddel is-sitwazzjoni s-sentenza tal-annullament taż-żwieġ tat-30 ta' Marzu 2011 (li kienet għadha fil-fażi tal-appell meta saret is-seduta) għaliex dati li jidhru fiċ-ċitazzjoni jmorru lura għas-sena 2010 – jiġifieri qabel id-data tas-sentenza tal-annullament. Skont l-artikolu 20 tal-Kap 255 tal-Liġijiet ta' Malta:

*'Jekk żwieġ ikun dikjarat null, l-effetti ta' żwieġ validu għandhom jitqiesu li kienu jeżistu favur il-miżżewġin sakemm is-sentenza ta' nullita' tkun saret 'res judicata.'*

Mix-xhieda li semgħet il-Qorti jirriżulta li l-ħlas ta' manteniment dovut fix-xhur indikati fiċ-ċitazzjoni baqa' ma sarx.

Isegwi li, għar-raġunijiet kollha mogħtija aktar 'il fuq f'din is-sentenza, il-Qorti qed tiċħad l-aggravji kollha.

**Żvilupp fil-mori tal-kawża.**

Matul is-seduta tat-2 ta' Lulju 2012, l-avukat tal-parte civile informa lill-Qorti

'li fil-mori tal-aħħar differiment is-sinjura Sylvana Spiteri rċeviet minn għand l-appellant is-somma ta' €8,400 b'mod li l-manteniment li jirrigwarda ix-xhur ta' dawn l-akkużi ġie saldat. Il-parte civile għalhekk m'għadx għandha interess li dawn il-proċeduri jissoktaw.'

Il-Qorti qed tieħu nota ta' din id-dikjarazzjoni. Iżda minkejja li l-parte civile m'għadx għandha aktar interess li jissoktaw dan il-proċeduri, la l-Pulizija Esekuttiva tista' tmexxi l-każ ex ufficio dwar il-kontravenzjoni taħt l-artikolu 338(z), il-Qorti ser tgħaddi għas-sentenza fuq il-provi li nstemgħu inkluża n-nota fil-verbal tat-2 ta' Lulju 2012.

**Konklużjoni**

Għalhekk il-Qorti, ġaladarba l-parte civile iddikjarat li ħadet dak li kienet intitolata għalih, qed tirriforma s-sentenza mogħtija fis-16 ta' Frar 2011 billi (a) tikkonfermha fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih; u (b) iżda qed tirriformha u tbiddilha fejn ikkundannatu xahar priġunerija u minflok qed tikkundanna lill-appellant iħallas amenda ta' €58.

Lawrence Quintano
Imħallef

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------